**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 23 ta' Frar 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 22/2008**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**... *omissis* ...**
**Darren Aquilina**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2008 kontra *omissis* u Darren Aquilina li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess *omissis* u Darren Aquilina talli (1) assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta u barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) jew

ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokaina kontra l-liġi; (3) kellhom fil-pussess tagħhom d-droga kokaina kontra l-liġi, b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Marzu 2015 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-akkużat Darren Aquilina, iddikjaratu ħati talli:

(1) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta u barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) jew ippromovew, ikkostitwixxu, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni;

(2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar-il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellhom liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienu awtoriżżati bir-Regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tal-Mediini Perrikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kelhom liċenzja jew xort'oħra awtorizati li jimmanifatura jew li jfornu d-droga msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga;

(3) kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina li għaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22 (1) (a) (f) (2) (a) (i) (ii) (ia) (iB) (2) (A) (i) (3A) (d) u 26 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regoli 4(a) u 8tar-regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (G) (N), 292/1939) u l-

artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati Darren Aquilina għal piena komplessiva ta' disa' (9) snin priġunerija u multa ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€23,500) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ta' tnax-il (12) xahar priġunerija, kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta' tlett elef disa' mija u ħdax-il Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3911.77) rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Inoltre jekk l-ispejjeż tal-perizja ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija meħtieġa għal konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Ispiżjar Mario Mifsud taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita b'kopja li għandha tiġi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti semgħet ix-xhieda ta' Dr Joseph Spiteri ai fini tal-piena; rat illi l-akkużat għandu jibbenefika mill-provvedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta bi grad; semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-avukat in rappreżentanza tal-Avukat Ġenerali; rat l-atti kollha tal-kawża; u kkunsidrat is-segwenti:

> "L-akkuzat Darren Aquilina kien originarjament mixli flimkien ma' Alberto Bafumi bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. B'sentenza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) il-kaz ta' Alberto Bafumi gie definittivament konkjuz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ikkundannatu ghal disa'snin prigunerija kif ukoll il-multa ghall-istess reati illi taghhom huwa addebitat l-akkuzat odjern Darren Aquilina. Il-Qorti tal-Appell Kriminali hadet in konsiderazzjoni ukoll illi Bafumi kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.
>
> "Fit-trattazzjoni taghha d-Difiza argumentat li l-punto di partenza ghal dak illi huwa terminu ta' prigunerija kellu jkun disa' (9) snin, però l-akkuzati kellhom rwol differenti. Bafumi kien il-furnitur u allura l-ispaccatur tad-droga mentri Darren Aquilina kellu involviment minuri u ghalhekk il-piena li ghandha tigi erogata lil Aquilina kellha tkun anqas minn dik ta' Bafumi.
>
> "Din il-Qorti ma tahsibx illi dan l-argument ghandu jirnexxi. Dan il ghaliex kemm Bafumi kif ukoll Aquilina kienu addebitati bl-istess reati fosthom dak magguri ta' assocjazzjoni sabiex jimpurtaw id-droga. Jekk Bafumi forna d-droga, Aquilina accetta illi jkun parti minn din l-assocjazzjoni. Ghalhekk la kien hemm ftehim bejniethom u kien hemm ukoll ftehim dwar il-modalità ta' kif kellha tigi

mwettqa dik l-operazzjoni, kwindi ghall-fini tal-assocjazzjoni dan ir-reat jissussisti kemm fil-konfront ta' Bafumi kif ukoll fil-konfront ta' Aquilina."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Darren Aquilina ppreżentat fis-16 ta' Marzu 2015 fejn talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu s-sejbien tal-ħtija u tħassarha u tirrevokaha billi tapplika piena anqas ħarxa fiċ-ċirkostanzi; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-uniku aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva. Huwa jissottometti:

"Illi dan huwa appell li jirrigwarda l-piena stante li l-appellanti rregistra ammissjoni. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni dana ikun qed 'jerhi' lilu nnifsu kompletament f'idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami;

"Illi l-esponenti ammetta u kkopera mal-Pulizija tant li gie dikjarat li dan kellu jibbenifika mid-disposizzjonijiet tal-art. 29 tal-Kap 101;

"Illi di piu` l-esponenti ma' jaqbilx mat-tezi tal-Ewwel Qorti li ma tiddistingwix fil-piena bejn min ottjena d-droga u min forna d-droga. Illi huwa risaput anke f'sistemi esteri li min iforni d-droga [f'dan il-kaz Alberto Bafumi) dejjem ghandu jigi kkundannat aktar habs minn dak li jkun 'on the receiving end'. Illi r-ragunament tal-Ewwel Qorti, li la darba kien hemm l-assocjazzjoni ifisser li t-tnejn kellhom l-istess partecipazzjoni huwa bid-dovut rispett skorrett. Illi tant ghandu ragun l-appellanti fuq dan il-punt, li anke l-legislatur, meta kkontempla dak li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap 101, il-beneficenza u t-tnaqqis fil-piena kellu jinghata lil min jghin lil Pulizija taqbad mnejn giet id-droga, hsieb dan li juri li anke l-legislatur kellu f'mohhu li min ikun 'on the receiving end' kif kien l-esponenti f'dan il-kaz u jikxef mnejn giet d-droga, il-ligi stess tikkontemplalu piena anqas. Illi issa f'xenarju fejn il-Qorti ghandha 'keffa' tant wiesa ta' kif tapplika d-diskrezzjoni taghha, in kwantu l-piena f'dawn ir-reati, wiehed jistenna li biex verament issir gustizzja, il-piena ta' min jipprokura ghandha tkun izjed harxa minn ta' dak li rcieva. Illi ghalhekk kellu ragun hawn l-esponenti li la darba min prokura, ossia Bafumi, wehel disa' [9] snin prigunerija, il-piena tal-esponenti bl-applikazzjoni tal-art. 29 kellha tkun anqas, zgur piena li ma' tiskorrix is-seba [7] snin prigunerija. Illi dan jinghad ukoll fl-isfond tal-principju l-iehor li l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir ghaliex bid-dovut rispett b'sentenzi bhal dawk moghtija fil-konfront tal-esponenti wiehed jibdew jinbtulu certu mistoqsijiet fuq il-htiega impellenti ta' sistema ta 'sentencing policy' fejn min irid jddeciedi jkun gwidat b'mod rigidu u sistematiku;

"Illi l-esponenti jikkontendi li anke l-gurisprudenza taghtih ragun. Ghal dan il-ghan, 1-esponenti ser jiccita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li

kumbinazzjoni trattat zewg kazijiet fejn il-piena wara zewg ammissjonijiet kienet erogata mill-Qorti Kriminali wkoll kif komposta fil-kaz in ezami. Il-kaz in kwistioni huwa dak li nghata fis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Duncan Xerri' datat 5 ta' Marzu 2015. F'dina s-sentenza 1-Qorti superjuri spjegat ghaliex l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddistingwiet fil-pieni bejn il-kaz ta' Xerri li kellha quddiemha u certu Walid Laouni. Illi r-ragunament li nghata f'dina s-sentenza joqghod perfettament ghac-cirkostanzi li ghandna quddiemna f'dina l-kawza. Walid Laouni f'dawk il-proceduri kien ikkundannat minn l-istess Imhallef ghal tmin [8] snin prigunerija u ghoxrin elf [20,000] euro multa. Illi l-esponenti jikkontendi li r-ragunament uzat f'dawn il-kazijiet ghandu wkoll jigi uzat fil-kaz tieghu peress li dan il-kaz in effetti ma ghandu xejn differenti minn ta' ohrajn li gew ikkundannati pieni anqas harxa".

**6.** Din il-Qorti tibda biex tgħid li fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuż appell mill-piena sakemm din tidħol fil-parametri prefissi mil-liġi. Dan għaliex min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull każ din il-Qorti u Qrati oħra ta' l-appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.

**7.** Fil-każ in eżami l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tqis il-parteċipazzjoni, skont hu, iżgħar li kellu, u li kellu jibbenefika minn tnaqqis ta' żewġ gradi bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u mhux minn grad wieħed.

**8.** Din il-Qorti fliet bir-reqqa kollha l-atti kollha tal-kawża u b'mod partikolari l-atti tal-kumpilazzjoni fejn jinsabu miġbura l-provi kollha li nġabu mill-prosekuzzjoni, u l-istqarrija ġuramentata li l-appellant għamel quddiem Maġistrat Inkwirenti fit-13 ta' Novembru 2014.

**9.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ipprova jimminimiżża r-rwol tiegħu. Huwa minnu li fl-istqarrija tiegħu jgħid li Bafumi kien qallu li se jixtri kokaina mingħand wieħed iswed li kien qabbdu miegħu ċertu Philip u li hu (l-appellant) qallu li għalih personali jixtri mingħand Bafumi (skont l-appellant, Bafumi kien jaf li l-appellant jabbuża mid-droga) u li jekk ikun jaf lil xi ħadd iqabbdu miegħu. Anke jekk stess kien Bafumi li inizja l-kuntatti, l-appellant evidentement kellu sehem ikbar milli jipprova jagħti ad intendere.

**10.** L-ewwelnett, għalkemm jirreferi għall-flat fejn instabet id-droga bħala ta' Bafumi, mix-xiehda ta' l-aġent tad-Dhalia jirriżulta li kien l-appellant li mar għandhom u qal li kellu bżonn flat għal ħabib tiegħu. Għall-kuntratt ma' sid il-post kien hemm preżenti dan ix-xhud, sid il-post, l-appellant u t-Taljan (referenza din għal Bafumi). Sid il-post xehed ukoll u kkonferma li għall-kuntratt kien hemm hu, l-aġent tad-Dhalia, Bafumi u wieħed Malti li ma setax

jagħraf meta kien qiegħed jixhed. Mistoqsi min ħallas meta ġie ffirmat il-kuntratt, wieġeb: "Il-flus jidhirli li ħariġhom il-Malti." Mela l-appellant mhux biss mar ifittex appartament iżda jidher li anke ħallas hu fuq il-kuntratt. Inoltre meta ġie arrestat kellu hu wkoll (sett ieħor kien fil-pussess ta' Bafumi) fuqu ċ-ċavetta tal-bieb prinċipali ta' l-appartamenti u ta' l-appartament fejn instabet id-droga.

**11.** Mix-xiehda ta' l-istess appellant jirriżulta li kien ma' Bafumi meta d-droga ġiet konsenjata. Huwa jixhed hekk: "kien ċempilli Alberto Bafumi għall-ħabta ta' xis-7.30 u qalli biex immur għalih fit-8.00 f'Paceville fejn kellu l-flat fejn Havana. Jiena kont mort għalih u kien qalli biex inwasslu l-flat l-ieħor li kellu, il-flat l-ieħor fejn ġejna arrestati. Minn hemmekk fit-triq beda jċempel lil ċertu wieħed Philip u Philip beda jċempel lilu u ftehmu li jiġi f'dan il-flat. F'ħin minnhom Philip reġa' ċempillu u qallu biex jiġi l-bajja ta' San Ġorġ .... U Alberto qallu, qallu le ejja l-flat. Ipparkjajt il-karozza jiena u nżilna fil-flat. Tlajna fuq u mbagħad kif waslu Philip qallu biex ninżlu. Jiena u Alberto nżilna isfel u daħlu wieħed ta' karnaġġjon skur u dan Philip. Jiena lil dan Philip kont nafu għax kien jaħdem ġo stabbiliment f'Paceville, manager. Kien jaħdem ma' Alberto. U dan tal-karnaġġjon skura ta l-baskett lil Bafumi. Kellu baskett bid-drogi u Bafumi tah borża qisha *garbage bag*, naħseb li kien fiha l-flus, lill-iswed u telqu. Aħna tlajna fuq erġajna, Alberto beda jgħodd il-kapsoli kollha u ra li kellu kollox sew. Inżilna 'l isfel u kif wasalna ħdejn il-karozza ġejna arrestati."

**12.** Din il-Qorti mhijiex se toqgħod tipprova tispekula dwar ta' min kienu l-flus li għaddew għax-xiri tad-droga, iżda mir-rakkont ta' l-appellant huwa evidenti illi huwa kien a pjena konoxxenza ta' dak li kien qiegħed jiġri. U mhux biss kien preżenti għall-konsenja, iżda saħansitra kellu ċ-ċwievet ta' l-appartament fejn tħalliet id-droga. Lanqas ma jista' jiġi injorat li fix-xiehda tiegħu l-appellant jasal biex jiddikjara li qal lil Bafumi li jekk ikun jaf lil xi ħadd li jkun irid jixtri d-droga, iqabbdu ma' Bafumi. Naturalment, il-fatt li kellu ċ-ċwievet ta' l-appartament fejn tqiegħdet id-droga jindika involviment akbar milli jixtieq juri.

**13.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li, għal dik li hi responsabbilta` kriminali m'għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn l-appellant u Bafumi.

**14.** Issa, filwaqt illi l-appellant jipprova jagħti x'jifhem illi d-droga kienet ipprovduta lil Bafumi, xorta jippretendi l-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu. L-artikolu 29 tal-Kap 101 fil-fatt jipprovdi testwalment: **"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-**

**mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."**

**15.** Jekk id-droga ġiet provduta lil Bafumi u mhux lilu allura l-artikolu 29 mhux applikabbli. Inoltre, għalkemm il-prosekuzzjoni aċċettat illi kien applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u dan bi tnaqqis ta' grad, imkien ma tirriżulta dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li kien proprju l-appellant li għen lill-Pulizija "taqbad" lil min ipprovda d-droga. Imbagħad jingħad illi l-appellant xehed quddiem Maġistrat Inkwirenti kważi sitt snin wara li ġie ppreżentat l-Att ta' Akkuża u meta diġa` kienu ġew istitwiti proċeduri kontra l-"persuna ta' karnaġġjon skur" (Gordian Azougu Ohaegbu). Jiġifieri lanqas f'dar-rigward ma hu applikabbli l-artikolu 29 imsemmi. Dwar jekk hux applikabbli minħabba x-xiehda ta' l-appellant dwar "Philip" huwa dibattibbli. L-appellant jirreferi għas-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2014 fil-konfront ta' Bafumi (**Ir-Repubblika ta' Malta v. Alberto Alessandro Bafumi**) u jargumenta li Bafumi ma kienx intitolat għal tnaqqis bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 għax ma kixifx lil Ohaegbu. Effettivament it-tnaqqis sar għal raġunijiet diversi kif jidher minn dan il-bran:

> **"12. Fil-każ odjern mix-xiehda li s-Supretendent Norbert Ciappara ta quddiem din il-Qorti jirriżulta illi l-Pulizija kienu qegħdin jinvestigaw lil ċertu Gordon Ohebu. Meta ssuspettaw li kienu qegħdin isiru ċerti transazzjonijiet, il-Pulizija għamlet *raid* u nqabdu l-appellant u *omissis*. L-appellant ikkoopera mill-ewwel u ndika persuna oħra li kontra tagħha għadhom ma tteħdux passi (li allegatament kienet il-persuna li pprovdiet kampjun ta' kokaina) u lill-imsemmi Gordon Ohebu (li allegatament issupplixxa l-kokaina maqbuda). Fil-mori ta' l-appell, l-appellant xehed kontra Ohebu. Barra minn hekk l-appellant kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, *inter alia* fis-sens illi kien akkwista kokaina mingħand l-imsemmi *omissis*.**
>
> **"13. Jiġifieri s-Supretendent Norbert Ciappara kien korrett meta xehed illi l-appellant seta' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament fejn jirrigwarda min issupplhielu l-kokaina għall-użu tiegħu u min għaddhielu l-kampjun"** (sottolinear ta' din il-Qorti).[1]

**16.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni biex tilqa' l-ilment ta' l-appellant għax ma sarx tnaqqis tal-piena b'żewġ gradi.

**17.** Konsegwentement l-appell ma jistax jiġi milqugħ.

---

[1] Il-persuna li Bafumi qal li pprovdiet il-kampjun kienet allegatament "Philip".

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif mogħtija fil-konfront ta' Darren Aquilina fl-intier, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali u l-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibdew jiddekorru millum.